

32003D0721

11.10.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 260/21

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Settembru 2003

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE rigward ir-rekwiżiti ta' collagen maħsub għall-konsum uman li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 2003/42/KE

(innotifikata bid-dokument numru K(2003) 3393)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2003/721/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tippreskrivi l-ħtiġijiet sanitarji ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ fi, u l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti li ma jkunux soġġetti għal dawn ir-rekwiżiti preskritti f'regoli speċifiċi tal-Komunità rreferiti fl-Anness A(l) għad-Direttiva 89/662/KEE u, fejn jirrigwarda l-patoġeni, għad-Direttiva 90/425/KEE ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendati mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/42/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 15 tagħha,

Billi:

(1) Għandhom jiġu preskritti kondizzjonijiet speċifiċi ta' saħħa pubblika għall-preparazzjoni ta' collagen maħsub għall-konsum uman. Iżda dawn il-kondizzjonijiet huma l-istess għall-collagen maħsub għall-konsum uman u collagen mhux maħsub għall-konsum uman, u iżda l-kondizzjonijiet iġjeniċi mhumiex l-istess, għandu jkun possibbli li jiġu prodotti u/jew maħżuna ż-żewġ tipi ta' collagen fl-istess stabbiliment.

(2) L-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni, l-ispezzjonar u l-kondizzjonijiet iġjeniċi għall-istabbilimenti li jippreparaw il-collagen għandhom jiġu stabbiliti. Ċerti kondizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar problemi ta' sanità li jaffettwaw il-prodotti u l-marketing ta' prodotti tal-laħam u prodotti oħra li joriġinaw mill-annimali ⁽³⁾, kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) 807/2003 ⁽⁴⁾, u fid-Direttiva tal-Kunsill 93/43/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 dwar l-iġjene ta' l-affarijiet ta' l-ikel ⁽⁵⁾, huma relevanti għall-preparazzjoni tal-collagen.

(3) L-Artikolu 2.3.13.7 tal-Kodiċi Internazzjonali dwar is-Saħħa ta' l-Annimali (2001) maħruġ mill-Uffiċċju Internazzjonali ta' l-Epiżootika fuq il-BSE jirrakkomanda illi jekk il-ġelatina u l-collagen isiru esklussivament mill-ġlud, l-amministrazzjonijiet veterinarji għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni u t-traġitt tagħhom mit-territorji tagħhom mingħajr xkiel, minkejja l-istatus tal-pajjiż esportatur.

(4) Taħt ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jippreskrivi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċifalopatija sponġiformi transmissibbli ⁽⁶⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2003 ⁽⁷⁾, ġlud fis-sens tad-Direttiva 92/118/KEE, miksuba minn ruminanti b'saħħithom u collagen miksub minn tali ġlud mhux suġġett għal restrizzjonijiet dwar il-marketing.

(5) Il-Kumitat tat-Tmexxija Xjentifiku addotta opinjoni fuq is-sigurtà tal-collagen fl-10 u l-11 ta' Mejju 2001, indirizza l-kwistjoni tas-sigurtà in relazzjoni għat-transmissibbiltà ta' l-enċifalopatija sponġiformi (hawnhekk iżjed 'il quddiem TSE) tal-collagen prodott mill-ġlud ta' ruminanti.

(6) Il-materja prima użata għall-produzzjoni tal-collagen tikkonsisti primarjament mit-tessut konnettiv tal-ġlud u għeruq tal-bovini, ġlud tal-għoġiela, ġlud tan-nagħaġ, u ġlud tal-majjali. Biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-materja prima, din trid tinkiseb minn annimali li jgħaddu minn spezzjonijiet qabel u wara l-qatla bħala li jkun ta' tajbin għall-konsum uman. Tali materjal għandu jinġabar, jiġi trasportat, maħżun u mqandel fl-aktar manjiera iġjenika possibbli.

⁽¹⁾ ĠU L 62, tal-15.03.93, p. 49.⁽²⁾ ĠU L 13, tat-18.01.03, p. 24.⁽³⁾ ĠU L 26, tal-31.01.77, p. 85.⁽⁴⁾ ĠU L 122, tas-16.05.03, p. 36.⁽⁵⁾ ĠU L 175, tad-19.07.93, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 147, tal-31.05.01, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 173, tal-11.07.03, p. 6.

- (7) Biex tiġi ggarantita t-traċċabbiltà tal-materja prima, iċ-ċentri tal-ġbir u ta' l-ikkunzar, li jkunu bi ħsiebhom jagħmlu l-provvista, għandhom ikunu awtorizzati u rreġistrati. Dokument kummerċjali mudell għandu jiġi ukoll preskritt biex jakkumpanja l-materja prima matul it-trasportazzjoni u waqt il-konsenja liċ-ċentri tal-ġbir, liċ-ċentri ta' l-ikkunzar u lill-impjanti li jipproċessaw il-*collagen*.
- (8) Huwa xieraq li jiġi emendat id-dokument kummerċjal korrenti għall-materja prima ddestinata għall-produzzjoni tal-ġelatina għall-konsum uman, biex tiegħu in konsiderazzjoni partikolaritajiet in relazzjoni għall-proċeduri ta' kontroll f'ċerti Stati Membri.
- (9) L-istandards għall-prodotti lesti għandhom ikunu fissi biex jiġi żgurat li ma jkunux ikkontaminati b'micro-organismi li jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-konsumatur. Sakemm ikun hemm valutazzjoni ta' tali standards, huwa xieraq li jiġu inklużi, fuq bażi provviżorja, standards ġeneralment aċċettati għal dak li għandu x' jaqsam ma' kontaminazzjoni. Il-ħtiġijiet għall-imballeġġjar, il-ħżin, u t-trasport tal-prodotti lesti għandhom jiġu ukoll preskritti.
- (10) Huwa neċessarju li jiġu preskritti regoli speċifiċi tas-sanità għall-importazzjoni tal-*collagen* u materja prima maħsuba għall-produzzjoni tal-*collagen* maħsub għall-konsum uman. Għandhom jiġu preskritti kampjuni ta' ċertifikati tas-sanità li għandhom jakkumpanjaw il-*collagen* importat u l-materja prima ddestinata għall-produzzjoni ta' *collagen* għall-konsum uman. Huwa ukoll neċessarju għall-Kummissjoni li tirrikonoxxi kondizzjonijiet li joffru garanziji ekwivalenti bbażati fuq proposta mressqa minn pajjiż terzi.
- (11) L-adozzjoni ta' regoli speċifiċi għall-produzzjoni ta' *collagen* għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-adozzjoni ta' regoli li jipprevjenu u jikkontrollaw it-TSE.
- (12) Id-Direttiva 92/118/KEE għaldaqstant għandha tiġi emendata skond dan.
- (13) Id-Deċiżjoni 2003/42/KE emendat id-Direttiva 92/118/KEE, b'seħħ mit-30 ta' Settembru 2003, in rigward il-kondizzjonijiet speċifiċi tas-sanità għall-*collagen* maħsub għall-konsum uman l-ħtiġijiet ta' ċertifikazzjoni għall-*collagen* u l-materja prima għall-produzzjoni tal-*collagen*, maħsub biex jintbagħat lill-Komunità Ewropea għall-konsum uman.
- (14) Il-Komunità timporta minn pajjiżi terzi materja prima u *collagen*, inkluż *collagen* li jissodisfa ċerti rikwiżiti tekniċi li ma jkunx disponibbli fil-Komunità.
- (15) Ir-Renju Unit talab posponement ta' l-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet speċifiċi ġodda tas-sanità biex ikun jista' jittieħed kont tal-produtturi tiegħu li huma dipendenti fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi.
- (16) In-negozjati biex tinstab resoluzzjoni għall-problemi in relazzjoni ma' l-importazzjoni ta' *collagen* immirata biex tippermetti tali importazzjoni biex tkompli ssir in konformità mal-kondizzjonijiet speċifiċi ġodda tas-sanità issa jistgħu jiġu kkonsidrati bħala konkjużi.
- (17) Huwa xieraq li jingħata żmin għall-konklużjoni tal-passi amministrattivi ta' dawn in-negozjati iżda dak il-perjodu għandu jkun wieħed qasir kemm jista' jkun.
- (18) Ġie misjub żball fl-Anness tad-Deċiżjoni 2003/42/KE illi d-dokument mudell kummerċjali għal materjal mhux maħadum destinat għall-produzzjoni tal-*collagen* mhux intenzjonat jirrikjedi timbru tal-veterinarju uffiċjali. Dak l-iżball għandu jiġi kkorreġut.
- (19) Biex ikun hemm il-kjarezza, id-Deċiżjoni 2003/42/KE għandha għaldaqstant titħassar u tinbidel mid-Deċiżjoni preżenti.
- (20) Il-miżuri preskritti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentarja u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-Anness II għad-Direttiva 92/118/KEE huwa emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

L-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni għandu japplika mill-31 ta' Diċembru 2003.

Ma għandux japplika għal *collagen* maħsub għall-konsum uman li kien prodott jew importat qabel dik id-data.

L-Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 2003/42/KE hija mħassra b'effett immedjat.

L-Artikolu 4

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Settembru 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Il-Kapitolu 4 ta' l-ANNESS II għad-Direttiva 92/118/KEE hu emendat kif ġej:

1. L-Intestatura "Taqsim A" hija inserita qabel it-Titolu.
2. F'Parti VIII, punt II, taħt l-intestatura "Impjant ieħor ta' Prodotti minn Annimali", "Ċentri tal-ġbir" u "Konza", it-tieni vers hu mibdul b'dan li ġej: "Numru ta' reġistrazzjoni".
3. It-taqsim B li ġejja hi miżjuda:

"IT-TAQSIMA B**KONDIZZJONIJET SPEĊIFIĊI GĦALL-COLLAGEN MAĦSUB GĦALL-KONSUM UMAN****I. Ġenerali**

1. Din it-Taqsim tippreskrivi kondizzjonijiet dwar il-*marketing* u l-importazzjoni ta' *collagen* maħsub għall-konsum uman.
2. Għall-għanijiet ta' din it-Taqsim, id-definizzjonijiet ta' 'ġlud' u ta' 'l-ikkonzar' fit-Taqsim A għandhom jgħoddu.

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom ukoll japplikaw:
 - (a) '*collagen*' tfisser prodotti bbażati fuq proteini li ġejjin mill-ġlud u l-għerūq ta' l-annimali, inklużi l-għadam fil-każ ta' majjali, tjur u ħut biss, immanifatturat bl-użu tal-metodu li jinsab fil-Parti V hawn taħt.
 - (b) '*collagen* maħsub għall-konsum uman' tfisser *collagen* maħsub għall-konsum jew bħala ikel jew inkorporat fi, jew imgeżwer madwar ikel jew prodott biex jiġi kkonsmat min-nies.
3. *Collagen* maħsub għall-konsum uman għandu jkun konformi mal-kondizzjonijiet li jinsabu fil-Partijiet II sa X hawn taħt.

II. Stabbilimenti li jipproduċu l-*collagen*

Collagen maħsub għall-konsum uman għandu jiġi minn stabbilimenti li jaderixxu mal-kondizzjonijiet li jinsabu fil-Part I tat-Taqsim A.

III. Materja prima u stabbilimenti li jfornuha

1. Il-materja prima li ġejja tista' tintuża għall-produzzjoni tal-*collagen* maħsub għall-konsum uman:
 - (a) il-ġlud ta' annimali ruminanti domestiċi;
 - (b) il-ġlud, l-għadam u l-imsaren tal-majjali;
 - (c) il-ġlud u l-għadam tat-tjur;
 - (d) l-għerūq;
 - (e) il-ġlud tal-kaċċa ferali; u
 - (f) il-ġlud u l-għadam tal-ħut.
2. L-użu ta' ġlud li jgħaddu mill-proċess ta' l-ikkonzar hu pprojbit.
3. Il-materja prima għandha tissodisfa r-rikwiżiti li ġejjin:
 - għall-materja prima msemmija fil-paragrafu 1(a) sa (d) ta' hawn fuq, ir-rikwiżiti preskritti fil-Paragrafu 4 tat-II Parti tat-Taqsim A għandhom japplikaw;
 - għall-materja prima rreferita fil-paragrafu 1(e) ta' hawn fuq, ir-rikwiżiti preskritti fil-Paragrafu 5 it-II Part tat-Taqsim A għandhom japplikaw;
 - għall-materja prima msemmija fil-paragrafu 1(a) sa (e) ta' hawn fuq, ir-rikwiżiti preskritti fil-Paragrafu 6 tat-II Part tat-Taqsim A għandhom japplikaw, iżda l-ebda materja prima ma għandha tintuża li tkun ġiet minn impjanti li jneħħu x-xaħam mill-għadam ta' ruminanti; u
 - għall-materja prima rreferita fil-paragrafu 1(f) ta' hawn fuq, ir-rikwiżiti preskritti fil-Paragrafu 7 it-II Part tat-Taqsim A għandhom japplikaw.

4. Iċ-ċentri tal-ġbir u ta' l-ikkonzar li jissupplixxu l-materja prima għall-produzzjoni tal-*collagen* maħsub għall-konsum uman għandhom jiġu speċifikament awtorizzati għal dan il-għan u rreġistrati mill-awtoritajiet kompetenti u jissodisfaw ir-rekwiżiti preskritti fil-Paragrafu 8 tat-II Part tat-Taqsima A.

IV. Trasport u ħżin tal-materja prima

1. It-trasport u l-ħżin tal-materja prima maħsuba għall-produzzjoni tal-*collagen* għandhom isiru skond it-III Parti tat-Taqsima A.
2. Waqt it-trasport u fil-ħin tal-konsenja fiċ-ċentri tal-ġbir, fil-postijiet ta' l-ikkunzar u fl-impjanti ta' l-ipproċessar tal-*collagen* il-materja prima għandha tkun akkumpanjata minn dokument kummerċjal in konformità mal-mudell preskritti fil-Parti IX ta' din it-Taqsima.

V. Il-manifattura tal-*collagen*

1. Il-*collagen* għandu jiġi prodott minn proċess li jiżgura li l-materja prima tkun suġġetta għal trattment li jinvolvi l-ħsil, l-aġġustament tal-pH bl-użu ta' aċidu jew ta' alkali segwit minn tlaħliħa waħda jew aktar, filtrazzjoni u estrusjoni; jew minn proċess ekwivalenti approvat mill-Kummissjoni wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat Xjentifiku propizju.
2. Wara li jkun għadda mill-proċess irriferit fil-paragrafu 1 hawn fuq, il-*collagen* jista' jgħaddi minn proċess ta' tnixxif.
3. *Collagen* mhux maħsub għall-konsum uman jista' jiġi prodott u jinħażen fl-istess stabbiliment bħal *collagen* maħsub għall-konsum uman kemm-il darba huwa prodott u maħżun billi jintużaw l-istess kondizzjonijiet preskritti f'din it-Taqsima.
4. L-użu ta' preservattivi għajr għal dawk permessi taħt il-leġislazzjoni tal-Komunità hu pprojbit.

VI. Prodotti lesti

Miżuri xierqa, inkluż testijiet għandhom isiru sabiex jiġi żgurat li kull lott prodott ta' *collagen* jilħaq il-kriterji mikrobioloġiċi u dwar resiwdi preskritti fil-Parti V tat-Taqsima A, iżda fejn ikun neċessarju biex isiru prodotti bħalma huma *casings* ibbażati fuq *collagen*, l-ebda limitu għall-umdità u għall-irmied ma għandu jgħodd.

VII. Imballeġġjar, ħżin, u trasport

1. Il-*collagen* maħsub għall-konsum uman għandu jkun imgeżwer, imballeġġjat, maħżun u ttrasportat taħt kondizzjonijiet iġġeniċi sodisfaċenti, u b'mod partikolari, jissodisfa l-kondizzjonijiet preskritti fil-Paragrafu 1 tas-VI Parti tat-Taqsima A.
2. It-tgeżwir u l-imballeġġ li fihom ikun jinsab il-*collagen* għandhom ikollhom marka ta' identifikazzjoni li turi l-partikolaritajiet elenkati fl-ewwel inċiż tal-Paragrafu 2 tas-VI Parti tat-Taqsima A, '*Collagen* tajjeb għall-konsum uman' u d-data tal-preparazzjoni u n-numru tal-lott.
3. Waqt it-trasport il-*collagen* għandu jkun akkumpanjat minn dokument kummerċjali skond l-Artikolu 3(A)(9)(a) tad-Direttiva 77/99/KEE, li jkollu l-kliem '*Collagen* tajjeb għall-konsum uman' u d-data tal-preparazzjoni u n-numru tal-lott.

VIII. L-importazzjoni ta' *collagen* u materja prima minn pajjiżi terzi maħsuba għall-produzzjoni tal-*collagen* għall-konsum uman

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' *collagen* maħsub għall-konsum uman biss jekk huwa:
 - (a) jiġi minn pajjiżi terzi elenkati fil-XIII-il Parti ta' l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/278/KE⁽¹⁾;
 - (b) jiġi minn stabbilimenti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-II Parti ta' din it-Taqsima;

(1) ĠU L 120, 11.05.94, p. 44.

- (c) kien prodott minn materja prima li tilħaq ir-rekwiżiti tal-Partijiet III u IV of ta' din it-Taqsima;
 - (d) kien ġie mmanifatturat skond il-kondizzjonijiet preskritti fil-Parti V ta' din it-Taqsima;
 - (e) jissodisfa l-kriterji fil-Parti VI u t-tgeżwir, l-imballeġġjar, il-ħżin u t-kondizzjonijiet tat-trasport fil-Parti VII(1) ta' din it-Taqsima;
 - (f) ikollu fuq it-tgeżwir marka li tidentifika li taġhti l-partikolaritajiet speċifikati fis-sitt inċiż tal-Parti VII(A) tat-Taqsima A; u
 - (g) ikun akkumpanjat minn ċertifikat tas-sanità li jikkonforma mal-mudell preskritt fil-Parti X(a) ta' din it-Taqsima.
2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni fil-Komunità tal-materja prima elenkata fil-Part III(1) ta' din it-Taqsima għall-produzzjoni tal-*collagen* maħsub għall-konsum uman biss jekk:
- (a) jiġi minn pajjiżi terzi elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE ⁽¹⁾ jew fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/85/KE ⁽²⁾ jew fid-Deċiżjoni 94/86/KE ⁽³⁾ jew fid-Deċiżjoni 97/296/KE ⁽⁴⁾, kif xieraq; u
 - (b) ċertifikat tas-sanità li jikkonforma mal-mudell preskritt fil-Parti X(b) ta' din it-Taqsima għandu jakkompanja kull konsinna ta' materja prima.
3. Iċ-ċertifikati tas-sanità rriferiti fil-paragrafi 1 (g) u 2 (b) ta' l-Istati Membri li minnu l-konsenja tidħol l-ewwel fil-Komunità, u f'mill-anqas lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni.
4. Il-Kummissjoni tista' tirrikonoxxi, skond il-proċedura ta' l-Artikolu 18, il-miżuri sanitarji applikati minn pajjiżi terzi għall-produzzjoni ta' *collagen* maħsub għall-konsum uman bħala li joffru garanziji ekwivalenti għal dawk offerti biex il-*collagen* jitqiegħed għall-bejgħ fil-Komunità, jekk il-pajjiżi terzi jagħti provi oġġettivi f'dan ir-rigward. Meta l-Kummissjoni tirrikonoxxi tali ekwivalenzi, għandha taddotta skond l-istess proċedura, il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni tal-*collagen* għall-konsum uman.

⁽¹⁾ ĠU L 146, 14.06.79, p. 15.

⁽²⁾ ĠU L 44, 17.02.94, p. 31.

⁽³⁾ ĠU L 44, 17.02.94, p. 33.

⁽⁴⁾ ĠU L 122, 14.05.97, p. 21.

IX. Mudell ta' dokument kummerċjali
Għall-materja prima maħsuba għall-produzzjoni ta' collagen maħsub għall-konsum uman

Numru tad-dokument kummerċjali:

1. Identifikazzjoni tal-materja prima

Natura (p.e. ġlud):

Speċji ta' animali (p.e. bovini, majjali):

Piż nett (kg):

Marka ta' identifikazzjoni (palett jew kontenitur):

2. Oriġini tal-materja prima

— *Biċċerija*

Indirizz ta' l-istabbiliment:

.....

Approvazzjoni veterinarja/numru ta' reġistrazzjoni:

— *Impjant tat-tqattigħ*

Indirizz ta' l-istabbiliment:

.....

Approvazzjoni veterinarja/numru ta' reġistrazzjoni:

— *Impjant għall-produzzjoni tal-laħam*

Indirizz ta' l-istabbiliment:

.....

Approvazzjoni veterinarja/numru ta' reġistrazzjoni:

— *Impjant ta' prodotti oħra magħmula mill-annimali*

Indirizz ta' l-istabbiliment:

.....

Numru ta' reġistrazzjoni:

— *Impjant għall-ipproċessar tal-kaċċa selvaġġa*

Indirizz ta' l-istabbiliment:

.....

Approvazzjoni veterinarja numru:

— *Impjant għall-produzzjoni tal-prodotti tal-ħut*

Indirizz ta' l-istabbiliment:

.....

Approvazzjoni veterinarja/numru ta' reġistrazzjoni:

— *Ċentri tal-ġbir*

Indirizz ta' l-istabbiliment:

.....

Numru ta' reġistrazzjoni:

.....

— *Post ta' l-ikkunzar*

Indirizz ta' l-istabbiliment:

.....

Numru ta' reġistrazzjoni:

— *Ħwienet bl-immut*

Indirizzi:

.....

— *Fondi adjaċenti ma' punti li minnhom isir il-bejgħ, fejn isir it-tqattigħ u l-ħżin tal-laħam u t-tjur bl-uniku skop li jġi fornut il-klijent aħħari*

Indirizz:

3. Destinazzjoni tal-materja prima

Isem taċ-ċentru ta' ġbir/impjant tal-collagen ⁽¹⁾ fejn il-materja prima tintbagħat:

.....

Indirizz:

.....

4. Dikjarazzjoni

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara illi qrajt u fhimt id-dispożizzjonijiet tat-III u r-IV Partijiet tat-Taqsima B tal-Kapitolu 4 ta' l-Anness II għad-Direttiva 92/118/KEE, u illi:

- ġlud minn ruminanti domestiċi/ġlud tal-majjali, għadam u intestini/ġlud tat-tjur/għeruq deskritti bħal hawn fuq ġejjin minn animali li nqatlu f'biċċerija u li l-karkassi tagħhom instabu li huma tajbin għall-konsum uman wara li saret spezzjoni qabel u wara l-qatla, u jew ⁽¹⁾
- ġlud minn animali selvaġġi deskritti hawn fuq ġejjin minn animali maqtula li l-karkassi tagħhom instabu tajbin għall-konsum uman wara l-ispezzjoni preskritta fl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/45/KEE(ĠU L 268.ta' l-24.9.1991. p.15, u/jew ⁽¹⁾)
- ġlud u għadam tal-ħut kif deskritti hawn fuq ġejjin minn impjanti li jimmanifatturaw affarijiet mill-ħut għall-konsum uman jew irreġistrati skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE (ĠU L 268.24.1991. p. 15) ⁽¹⁾.

Magħmula fi f'

(post) (data)

.....
(firma tas-sid ta' l-impjant jew tar-rappreżentant tiegħu/tagħha) ⁽²⁾

.....
(Isem fittri kapitali)

⁽¹⁾ Ħassar kif meħtieġ.

⁽²⁾ Il-firma trid tkun ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

X(a) Ċertifikat tas-Sanià Mudell
għall-collagen maħsub biex jintbagħat lill-Komunità Ewropea għall-konsum uman

Nota għall-importatur: dan iċ-ċertifikat huwa għal skopijiet veterinarji biss u jrid jakkompanja l-konsenja sakemm tasal sal-posta ta' spezzjonar tal-fruntiera.

Numru ta' referenza taċ-ċertifikat tas-sanià:

Pajjiż tad-destinazzjoni:

Pajjiż esportatur:

Ministeru responsabbli:

Departiment li jiċċertifika:

1. Identifikazzjoni ta' collagen

Tip ta' prodott:

Speċji ta' animali u n-natura tal-materja prima użata (p.e. ġlud ta' bovini):

.....

Data ta' manifattura:

Tip ta' imballaġġ:

Numru ta' imballaġġi:

Perjodu ta' ħżin garantit:

Piż nett (kg):

Indirizz(i) u numru/i ta' awtorizzazzjoni u reġistrazzjoni ta' stabbiliment(i) ta' prodott:

.....

2. Deskrizzjoni tal-collagen

Il-collagen jintbagħat minn:

(post tat-tagħbija)

għal:

(pajjiż u post tad-destinazzjoni)

bil-mezzi segwenti ta' transport ⁽¹⁾:

Isem u indirizz tal-konsenjan:

.....

Isem u indirizz tal-konsenjan:

.....

⁽¹⁾ Indika l-isem jew in-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew tat-trakkijiet), in-numru tat-titjira ta' (l-ajruplani) jew l-isem tal-(vapuri). Din l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

3. Attestazzjoni dwar is-Sanià

Jien, hawn taħt iffirmit, niddikjara illi naf bid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima B tal-Kapitolu 4 ta' l-Anness II għad-Direttiva 92/118/KEE, u niċċertifika illi l-collagen deskritt hawn fuq:

- ġej minn stabbilimenti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet preskritti fit-Il Parti ta' dik it-Taqsima;
- ġie prodott minn materja prima li ssodisfat il-kondizzjonijiet fil-Partijiet III u IV ta' dik it-Taqsima;
- ġie prodott skond il-kondizzjonijiet fil-Parti V ta' dik it-Taqsima; u
- jissodisfa l-kondizzjonijiet fil-Partijiet VI u VII (I) ta' dik it-Taqsima.

Magħmula f' f'

(post)

(data)

.....
(Firma ta' l-uffiċjal veterinarju ^(?))

.....
(Isem b'ittri kapitali)



^(?) Il-firma u t-timbru għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

X(b) **Ċertifikat tas-Sanià Mudell****għall-materja prima maħsuba biex tintbagħat lill-Komunità Europea għall-produzzjoni tal-collagen għall-konsum uman**

Nota għall-importatur: dan iċ-ċertifikat huwa għal skopijiet veterinarji biss u għandu jakkompanja l-konsenja sakemm tasal sal-posta ta' spezzjonar tal-fruntiera.

Numru ta' referenza taċ-ċertifikat tas-sanià:

Pajjiż tad-destinazzjoni:

Pajjiż esportatur:

Ministeru responsabbli:

Departiment li jiċċertifika:

1. Identifikazzjoni tal-materja prima

Speċji ta' annimali u n-natura tal-materja prima użata (p.e. ġlud ta' bovini, ġlud tal-majjali):

Data ta' manifattura:

Tip ta' imballaġġ:

Numru ta' imballaġġi:

Perjodu ta' ħżin garantit:

Piż nett (kg):

2. Oriġini tal-materja prima

Indirizz(i) u numru/i ta' awtorizzazzjoni u regjistrazzjoni ta' stabbiliment(i) ta' prodotti:

.....

3. Destinazzjoni tal-materja prima

Il-materja prima se tintbagħat minn:

(post tat-tagħbija)

għal:

(pajjiż u post tad-destinazzjoni)

bil-mezzi segwenti ta' transport ⁽¹⁾:

Isem u indirizz tal-konsenjant:

.....

Isem u indirizz tal-konsenjat:

.....

⁽¹⁾ Indika l-isem jew in-numru ta' regjistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew tat-trakkijiet), in-numru tat-titjira ta' (l-ajruplani) jew l-isem tal-(vapur). Din l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

